# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 40 – IT-TNEJN 14 TA' MEJJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| Preżenti : | | |
|---|---|---|
| | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm attendenza ta' żewġ persuni waqt il-laqgħa.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 38 U 39

1.1 Il-Minuti tas-seduta 38 ġew meqjusa bħala moqrija u ġew approvati unanimament bla emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.2 Il-Minuti tas-seduta 39 ġew meqjusa bħala moqrija u ġew approvati unanimament bla emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 38 U 39

2.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar it-tabelli kontra l-ħmieġ tal-klieb, is-SE infurmat li ma kellhiex ċans taħdem fuqha.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar il-kwistjoni tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa, is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar fejn dan kien wiegħed li se jagħmel verifika jekk qatt kinitx saret devoluzzjoni jew le tal-parkeġġ lill-Kunsill. Sadanittant, is-CEO fakkar li kull min jixtri appartament jew garaxx mingħand l-Awtorità, dan jixtrih tale quale u għaldaqstant dawk kollha li xtraw direttament mingħand l-Awtorità ma kellhom ebda dritta għal xi kumpens għall-ħsara.

2.3 Fuq il-kwistjoni tal-prinjol li qed ixeqilbu fuq residenza fi Triq Sir Leslie Rundle, l-Awtorità tad-Djar kienu ssuġġerew lill-Kunsill biex jivverifika mad-Dipartiment tal-Agrikoltura biex kemm-il darba jinqalgħu s-siġar jiġi vverifikat jekk dawn jistgħux jerġgħu jitħawlu. S'issa iżda, il-Kunsill għadu qed jistenna mingħand l-Awtorità biex tivverifika jekk dawn is-siġar humiex fi proprjetà tagħha jew pubblika.

2.4 Fuq il-kwistjoni tal-VL tal-impjegat tal-Kunsill, is-SE infurmat li kienet irċeviet konferma mingħand l-eks SE, is-Sur Michael Portelli, fejn dan qal li qatt ma kien hemm ftehim bejnu u dan l-impjegat biex jakkumula l-VL tiegħu. L-aġent SE l-ieħor, Kurt Guillaumier, ma kienx għadu bagħat ir-risposta tiegħu.

2.5 Dwar il-kwistjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjoni, is-SE infurmat li kienet irċeviet risposta mingħand id-Direttur tad-DLG li t-talba tal-Kunsill ma tistax tiġi milqugħa. Sadanittant iżda l-Kunsill kien se jibqa' jinsisti fuq din il-kwistjoni minħabba li skont il-fehma tiegħu, ġie ppenalizzat inġustament.

2.6 Is-SE infurmat li s-Sur Karl Borg, l-organizzatur tal-iMdina Grand Prix kien informa li t-toroq li jagħtu lejn u mill-Imtarfa ma kinux se jiġu blukkati waqt l-attività ta' din is-sena. Is-Sindku kkonferma dan kollu billi spjega li kienet inbidlet ir-rotta u għaldaqstant kienet se tintuża biċċa żgħira biss mill-bypass tal-Imtarfa b'tali mod li l-entraturi tal-lokalità tagħna se jibqgħu miftuħa.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' April. Kopja tiegħu hija annessa.

3.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fuq il-lista hemm pagament tas-Sur Charles Sant għall-ammont ta' €240 għall-materjal li uża sabiex tiġi kostruwita l-bankina ta' Triq Sir Leslie Rundle minħabba li dan ma kienx hemm dubji fuqu. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jitħallsu. Sadanittant is-SE se terġa' tipprova tikkomunika mas-Sur Sant sabiex jinstab kompromess dwar il-kumplament tal-kont.

3.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien jidher li matul is-sena 2011 il-Kunsill ma affetwa l-ebda pagament lill-WasteServ għas-servizzi tagħhom. Hija kienet talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex jivverifika l-ammont eżatt li għandu jħallas il-Kunsill sabiex jidħol fuq il-lista li jmiss. Sadanittant fuq il-lista ta' dan ix-xahar kienu tniżżlu l-kontijiet tal-ewwel tliet xhur tas-sena 2012, skont l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali.

3.4 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku informa li l-Awtorità tad-Djar kienet qed tinsisti li t-tisbiħ u d-dwal ta' Binja Msieraħ kien responsabbiltà tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra s-Sindku informa li kien tkellem mas-CEO fejn dan infurmah li l-problema tad-dawl kienet dwar min se jibqa' jħallas il-flus tal-manutenzjoni u s-servizz. Il-Kunsill ma jħossx li huwa ġust li jidħol għal spiża rikorrenti simili u għaldaqstant għandu jerġa' jiltaqa' mas-CEO.

4.2 Fir-rigward tal-bandli, is-Sindku informa li x-xogħol kien se jibda b'mod imminenti. Fil-fatt kienu tneħħew is-servizzi kollha bħala parti mill-preparamenti. Is-SE infurmat li hekk kif tgħaddi Military Mtarfa kienu se jitneħħew l-istrutturi l-qodma.

4.3 Il-kwotazzjoni għall-*floodlight* bejn il-binja tal-knisja u l-i*snack bar* kienet se tiswa madwar €100. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.4 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku se jiġu ordnati numru ta' *stickers* bl-arma tal-Kunsill.

4.5 Is-Sindku informa li kienet saret il-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-parkeġġ ta' quddiem Binja San David fejn kienu attendew biss 3 persuni. Wieħed mill-persuni kien informa lill-Kunsill li huwa qed joġġezzjona għall-proġett u għaldaqstant il-Kunsill aċċetta li jmur fuq il-post sabiex il-perit ifihem aħjar x'kien se jsir. Dan ir-resident iżda xorta baqa' jinsisti li huwa kontra li jerġa' jsir parkeġġ quddiem ir-residenza tiegħu.

4.6 Fir-rigward tal-proġett ta' riġenerazzjoni tal-binjiet, is-SE poġġiet fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet għal pompi tal-funtani. Il-Kunsill qabel li jagħżel żewġ pompi tar-ram li jiswew €636 'il waħda.

4.7 Sadanittant il-periti kienu għamlu talba lill-Kunsill sabiex jingħataw €1000 tax-xogħol li sar minnhom s'issa. Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jgħaddilhom biss €250 wara li jkunu ġew sottomessi l-pjanijiet lill-MEPA u lil TM.

## 5. L-APPELL DWAR IL-KUNTRATT TAL-KNIS

5.1 Is-SE infurmat li l-appell kien inqata' favur il-Kunsill għalkemm il-Bord tal-Appell talab li l-Kunsill għandu jgħaddi l-flus tad-depożitu lura lill-appellant.

5.2 Sadanittant kien hemm qbil li l-kuntrattur preżenti għandu jaħdem l-aħħar nhar is-Sibt 20 ta' Mejju filwaqt li l-kuntratt il-ġdid mas-Sur Bryden Azzopardi jibda nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju.

5.3 Hawnhekk il-Viċi Sindku fakkar li l-kuntratt il-ġdid kellu jinkorpora wkoll it-tindif ta' Ġnien is-27 ta' April, iż-żona magħrufa bħala tal-Karnival, kull fejn hemm iż-żrar fuq il-bankini kif ukoll Binja Msieraħ.

5.4 Minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill kien għadu ma wasalx kien hemm qbil li jinbidel l-andament tal-aġenda u tiġi diskussa l-attività ta' Military Mtarfa.

## 6. MILITARY MTARFA 2012

6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-poster lill-kunsilliera.

6.2 Fir-rigward tal-i*sponsors*, kienu ġew avviċinati Green MT, Melita Trains, u Majjistral Action Group filwaqt li l-HSBC kien irtira l-offerta tiegħu.

6.3 Il-Kunsill qabel li għandu joffri l-kotba u d-dvd's dwar l-Imtarfa għall-bejgħ waqt l-attività. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika mal-membri tal-Kunsill taż-żgħażagħ biex tara jixtiequx jieħdu ħsieb din l-inizjattiva.

6.4 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien id-9:30pm.

6.5 Is-SE infurmat li l-iScouts ta' Ħad Dingli kienu se jipprovdu numru ta' mwejjed mingħajr ħlas.

6.6 Kien hemm qbil unanimu li l-unika triq li se tingħalaq matul l-attività, ħlief għar-residenti, għandha tkun Triq ir-Reġimenti Maltin. Se jitpoġġew numru ta' sinjali kontra l-parkeġġ minn ġurnata qabel.

6.7 Kien hemm qbil li għall-konferenza stampa għandhom jiġu mistiedna l-Ministru De Marco u l-Ministru Mifsud Bonnici. Fuq suġġeriment tas-Sindku se jintalab li jkun hemm il-preżenza ta' xi suldati mir-*re-enactors*.

6.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella, isSE infurmat li l-Kunsill kien ivvota €9500 għall-attività ta' Military Mtarfa, €2000 mill-Gvern Ċentrali. Ma dawn wieħed seta' jnaqqas ukoll xi flus oħra li se jdaħħal minn xi *sponsors*. Hija infurmat ukoll li l-ispiża globali m'għandhiex taqbeż dan il-vot.

6.9 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas €4 għall-ikel ta' kull voluntier matul l-attività.

6.10 Il-Kunsill qabel li jħallas is-somma ta' €100 sabiex ikun hemm l-preżenza ta' vetturi mir-Radio Amateur Group.

## 7. MIŻURA 313 – IL-PROĠETT TAL-BOSK

7.1 Is-SE infurmat li l-MAGF kienu talbu konferma li hi kienet se tkun il-Project Leader għal dan il-proġett minflok is-Sur Kurt Guillaumier. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-MAGF fejn dawn kienu kkonfermaw li l-Kunsill kien wieħed minn ħames kunsilli li rebħu grant biex jitwettaq proġett. L-ammont li rebaħ il-Kunsill tal-Imtarfa kien €184,447.25.

7.3 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva wkoll ittra mingħand il-MEPA fejn kienet qed titlob pjan ta' azzjoni sabiex jinbidlu s-siġar tal-*eucalyptus* li hemm fil-bosk. Kien hemm qbil unanimu li kull sena l-Kunsill kien se jibdel tliet siġriet mill-bosk għal siġar maturi li jkunu indiġeni.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir fencing tal-ħadid madwar il-ġnien fi Triq Santa Luċija.

8.2 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jinfetaħ parti mill-ħajt fuq wara tal-Iskola Sekondarja biex iservi bħala passaġġ għar-residenti li jkunu jridu jgħaddu b'xi pram. Kien hemm qbil li għandu jintalab il-permess lill-Iskola.

8.3 Il-Viċi Sindku informa li hemm bir bejn il-blokok li għandu bżonn ta' manutenzjoni. Wieħed mill-voluntiera tal-arloġġ kien infurmah li huwa kien lest li jekk il-Kunsill itih ċavetta għall-katnazz wara li ssir il-manutenzjoni fuqu, huwa lest li jibda jsaqqi l-pjanti ta' bejn il-blokok għall-Kunsill.

8.4 Il-Viċi Sindku talab li jsiru sinjali kontra l-ħmieġ tal-klieb fi Triq il-Gladjoli k/m Triq Sir Leslie Rundle. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Is-SE ssuġġeriet li jitpoġġew numru ta' *doggie bins* iżda ma kienx hemm qbil dwar dawn.

8.5 Il-Viċi Sindku informa li matul dan l-aħħar xahar il-ħaddiema kienu maġġorment involuti fl-attivitajiet ta' Jum l-Imtarfa kif ukoll ta' Military Mtarfa.

8.6 Kien hemm qbil li s-SE u l-Kunsillier Vella għandhom jivverifikaw talba li kien hemm għal sinjali sofor doppji fi Triq Santa Luċija.

8.7 Il-Kunsillier Scerri Diacono preżenta ktieb u numru ta' posters li kien ingħata minn TCTC Ltd.

8.8 Il-Kunsillier Scerri Diacono għadda korrispondenza lis-SE dwar laqgħa dwar skemi li kien attenda għaliha.

8.9 Il-Kunsillier Scerri Diacono wassal talba sabiex tintbagħat kommunikazzjoni lil TM sabiex jiġi kreat spazju biex vetturi li jkunu jridu jduru fuq il-lemin fi Triq Buqana ma jibqgħux jostakolaw it-traffiku għaliex qed ikun hemm kju twil ta' vetturi. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2012 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |